TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/187/18/S

<u>Lydon Laudi</u>
<u>vs</u>
<u>Agritrans Logistics Limited (C45380)</u>

Illum, 27 ta' Ġunju 2019

It-Tribunal,
Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-23 ta' Diċembru 2018;

Ra li s-soċjetà intimata ġiet innotifikata fl-4 ta' Jannar 2019 billi l-atti relattivi tħallew ma' Gabriella Schembri (315495M);
Illi li fis-seduta tal-14 ta' Frar 2019 deher biss ir-rikorrent;
Illi li oltre li s-soċjetà intimata ma dehritx għas-seduta tal-14 ta' Frar 2019, hija lanqas ippreżentat Risposta jew xi sottomissjoni kwalsiasi;

Ra r-rikors tas-soċjetà intimata ippreżentat fit-22 ta' Frar 2019 li permezz tiegħu l-istess soċjetà talbet lit-Tribunal jiskuża l-kontumaċja u jawtorizzaha tippreżenta Risposta;
Illi fil-21 ta' Marzu 2019, it-Tribunal laqa' t-talba tas-soċjetà intimata u awtorizzaha tippreżenta Risposta sa ġimgħa minn dik il-ġurnata;

Ra r-Risposta tas-soċjetà intimata ippreżentata fit-28 ta' Marzu 2019 filwaqt li ra d-dokumentazzjoni ippreżentata, sema' x-xhieda kollha inkluz il-partijiet u ra li fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2019, il-każ tħalla għas-sentenza.

<u>It-talba tar-rikorrent u l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata</u>

Fl-Avviż tat-Talba, ir-rikorrent qal hekk:

"*Agritrans had invoice front and back.*

> *They collected front of invoice items but never looked or collected back items.*
> *After complaints to the delivery persons, they agreed to refund, but in the end they only refund 1 small part of the total amount.*
> *Hence we need your help to reinforce our claim and recover the money lost. Please see doc. 1A.*"

Ir-rikorrent qiegħed jitlob li s-soċjetà intimata tkun ikkundannata tħallsu l-ammont ta' elf u mija u sitta u tmenin Ewro (€1,186.00). In sostenn tal-Avviż tat-Talba, huwa ppreżenta dokumenti immarkati "1A", "1B" u "1Ċ".

Fir-Risposta, is-soċjetà intimata ressqet diversi eċċezzjonijiet fosthom:

-Illi hi ma kinitx il-leġittimu kontradittur stante li l-ammont pretiż mir-rikorrent, jekk dovut lilu, huwa dovut lilu mill-fornitur Taljan *Mondo Convenienza* stante li s-soċjetà intimata kienet biss intermedjarju billi kienet *Mondo Convenienza* li kienet obbligata tissuplixxi l-għamara.

-Illi s-soċjetà intimata ġiet imqabbda mir-rikorrent biss sabiex iġġorr ordni konsistenti f'biċċiet ta' għamara għal kmamar tal-banju u saqqijiet li l-istess rikorrent kien ordna mingħand *Mondo Convenienza.*

-Illi s-soċjetà intimata mxiet mal-obbligi kuntrattwali tagħha billi ġarret dak kollu li kien lest għall-konsenja minn *Mondo Convenienza* lejn il-postijiet indikati mir-rikorrent, li kienu indirizzi fil-Fgura u f'tas-Sliema.

-Illi jekk is-soċjetà intimata ma ġabritx xi xogħol mingħand *Mondo Convenienza,* dan seħħ bin-negliġenza ta' *Mondo Convenienza* li naqas li jgħaddi l-oġġetti relattivi lis-soċjetà intimata għall-ġarr.

-Illi meta s-soċjetà intimata ġiet infurmata mir-rikorrent dwar l-oġġetti neqsin, hija għamlet minn kollox biex tassistih sabiex tinstab soluzzjoni u kienet lesta toffri s-somma ta' erba' mija u erbgħin Ewro (€440.00) rappreżentanti l-prezz ta' żewġ saqqijiet u ta' oġġett relatat mal-kamra tal-banju skont fattura annessa u immarkata dokument "AL1".

-Illi s-somma offruta mis-soċjetà intimata saret bil-kundizzjoni li r-rikorrent jirritorna l-għamara li waslet mal-vjaġġ u li kienet fil-pussess tiegħu u dan *ai termini* tal-kundizzjonijiet ta' *Mondo Convenienza* iżda r-rikorrent irrifjuta li joqgħod għal dan.

-Illi r-rikorrent qiegħed jipprova jagħmel arrikkiment indebitu meta jitlob is-somma ta' elf u mija u sitta u tmenin Ewro (€1,186.00) indikata fid-dokument "1A"meta s-soċjetà intimata

m'għandha xejn x'taqsam man-negliġenza ta' *Mondo Convenienza* li naqset li tibgħat ix-xogħol kollu ordnat mir-rikorrent.

-Illi għalhekk, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

<u>Il-provi prodotti</u>

Fis-seduta tal-14 ta' Frar 2019 xehed ir-rikorrent. Mix-xhieda tiegħu, ħarġu s-segwenti punti:

-L-għamara ordnata mir-rikorrent kienet *made-to-measure*. Dan kien ifisser li jekk ikun hemm biċċa waħda nieqsa, ikun hemm problema. Din l-għamara kellha titqassam bejn indirizz fil-Fgura u indirizz ieħor f'tas-Sliema.

-Ir-rikorrent kien fl-indirizz tal-Fgura filwaqt li sieħbu fin-negozju kien qiegħed jistenna l-għamara f'tas-Sliema. F'tas-Sliema kellu jkun hemm sitt (6) kaxex iżda twasslu erba' (4) kaxex biss. Għalhekk, malajr indunaw li kien hemm żewġ kaxex neqsin.

-Fil-Fgura, irriżulta li kien hemm is-saqqijiet neqsin, liema saqqijiet kienu magħmulin appożitament għal kamra tas-sodda. Ir-rikorrent ċempel lil xi ħadd jismu Anthony u nfurmah b'dak li kien hemm nieqes. Għall-ewwel, Anthony ċaħad dan iżda mbagħad ikkonfermalu li s-saqqijiet kienu neqsin. Dawn l-oġġetti kienu ġejjin minn barra minn Malta u Anthony kellu jiġborhom.

-Is-soċjetà intimata iċċekkjat l-*invoice* minn quddiem u dawn l-oġġetti kollha kienu twasslu, iżda dawk l-oġġetti li kienu indikati fuq in-naħa ta' wara tal-*invoice* ma kinux twasslu lir-rikorrent.

-Ir-rikorrent ikkuntattja lil *Mondo Convenienza* fi Sqallija u dawn ikkonfermawlu li kienu taw kollox lit-trasportatur (is-soċjetà intimata) u kienet is-soċjetà intimata li ġabet xi affarjiet neqsin.

-Fuq din l-informazzjoni, ir-rikorrent talab lis-soċjetà intimata għal *refund* ta' erba' mija u erbgħin Ewro (€440.00) sabiex jerġa' jixtri l-oġġetti neqsin u reġa' inkariga lis-soċjetà intimata sabiex iġġib magħha dawn l-affarjiet meta terġa' tmur Sqallija għal xi xogħol. Is-soċjetà intimata qatt ma tat spjegazzjoni dwar x'kien ġara mill-affarjiet neqsin.

-Skont ir-rikorrent, is-soċjetà intimata qalet li kienet għamlet tiftix estensiv u qatgħet qalbha. Is-soċjetà intimata saħansitra ħasbet li x-xufier tagħha seta' possibilment tahom lil xi ħadd ieħor (bi żball) jew li nsterqu mill-vettura.

-Wara xahrejn ta' trattattivi, ir-rikorrent u s-soċjetà intimata waslu fi ftehim fejn is-soċjetà intimata kellha tagħtih *refund* ta' erba' mija u erbgħin Ewro (€440.00). Għadda madwar xahar u wara telefonata, ir-rikorrent irċieva karta b'ċekk ta' mija u tmintax-il Ewro (€118.00) (dokument "1Ċ"). Hawn, ir-rikorrent ħassu mgħoddi biż-żmien. Il-kontenut tad-dokument relattiv, skont kif ra t-Tribunal, jgħid hekk: "*We've verified as one can see from the scanned delivery book where by Mr. Lydon had signed on receiving four boxes and not two as argued with Anthony during their telephone conversation regarding the delivery done on 03.07.18.*"

-Rigward dokument "1Ċ", ir-rikorrent kompla jixhed li l-firma fuq il-karta ma kinitx tiegħu u lanqas tal-*business partner* tiegħu. Inoltre, ir-rikorrent ma kienx f'tas-Sliema.

-Ir-rikorrent spjega li l-ammont mitlub fl-Avviż tat-Talba kien jikkonsisti fis-segwenti:

- Mitejn u sitta u erbgħin Ewro (€246.00) għal żewġ saqqijiet;
- Ħames mitt Ewro (€500.00) spejjeż ta' mastrudaxxa għall-*cabinets* li kienu magħmulin appożitament, għal *fittings* ta' żewġ *vanities* u għal żewġ sinkijiet; u
- Erba' mija u erbgħin Ewro (€440.00) għal *non-delivered items* li kienu ż-żewġ *vanities* u ż-żewġ saqqijiet.

Dan jammonta għal elf u mija u sitta u tmenin Ewro (€1,186.00).

-Id-dokumenti "LL1" u "LL2" ġew ippreżentati bħala prova li *Mondo Convenienza* tħallsu elf u tlett mija u erbgħa u għoxrin Ewro (€1,324.00) skont dokument "LL1" u elf u seba' mija u erbgħa u sittin Ewro (€1,764.00) skont dokument "LL2".

-Ir-rikorrent ma sarrafx iċ-ċekk ta' mija u tmintax-il Ewro (€118.00) għax ma qabilx miegħu.

-In konklużjoni, ir-rikorrent enfasizza li ma setax jixtri saqqijiet kwalsiasi stante li dawn kienu parti minn għamara magħmula appożitament.

Il-kontro-eżami tar-rikorrent sar fit-23 ta' Mejju 2019. Tul dan il-kontro-eżami, ir-rikorrent xehed hekk:

-L-ordni sħiħa, kemm il-parti li marret tas-Sliema, kif ukoll il-parti li twasslet il-Fgura, saru f'isem ir-rikorrent. Ir-rikorrent ma setax jiftakar preċiżament meta irrealizza li kien hemm is-sinkijiet neqsin u lanqas seta' jiftakar meta nfetħu l-kaxex. Maria Beaney hija mara ta' erba' u sittin (64) sena u tgħix waħedha f'tas-Sliema. Hi ma fetħet ebda kaxxa qabel ġie għandha l-mastrudaxxa sabiex jarma l-*vanities*.

-Mistoqsi jekk kienx jaf il-proċeduri ta' *Mondo Convenienza* dwar *returns* li kellhom isiru fi żmien erbatax-il ġurnata, ir-rikorrent wieġeb li meta ra li ma rċeviex is-saqqijiet, hu dam iktar minn erbatax-il ġurnata biex jieħu risposta. Is-soċjetà intimata issuġġeriet li r-rikorrent ikellem lil *Mondo Convenienza* li min-naħa tagħhom talbuh il-*lot number* u qalulu li huma bgħatu x-xogħol kollu. Kien kellimhom permezz ta' *chat* u ċ-*chats* ma kinux fuqu. Ir-rikorrent qal li ma kienx jaf li f'każ ta' ħsarat, *Mondo Convenienza* jiġbru kollox lura sabiex jagħmlu l-verifiki tagħhom.

-Kien hemm punt ta' qbil bejnu u bejn Anthony Schembri fis-sens li meta Schembri offra lir-rikorrent jew li jġiblux żewġ saqqijiet jew iħallsux tagħhom, ir-rikorrent ħalla lil Schembri fil-libertà sabiex jagħżel hu. Dwar l-għamara l-oħra, ir-rikorrent xehed li kien staqsa lil Schembri jekk il-mastrudaxxa setax jarma kollox u Schembri wieġeb fil-pożittiv. Hekk, ir-rikorrent ta lill-mastrudaxxa l-permess biex jagħmel it-tibdiliet li ma kinux success mija fil-mija. Irriżulta iżda li wara dan kollu, ir-rikorrent irċieva biss *refund* għas-saqqijiet meta fil-fatt, huma kienu talbu *refund* għat-tibdiliet li kien hemm bżonn fil-*vanities* ukoll. Ir-rikorrent wieġeb ukoll li ma kienx jaf li fil-fatt, is-saqqijiet kienu nstabu għand *Mondo Convenienza*. Mistoqsi jekk kienx jaf li s-soċjetà intimata kinitx lesta li ġġib is-saqqijiet, ir-rikorrent wieġeb li Schembri kien offrielu li jġibhom jew iħallsu tagħhom – kemm is-saqqijiet kif ukoll is-sinkijiet – u r-rikorrent fl-aħħar irrifjuta l-ħlas għax Schembri bagħat ċekk biss għas-saqqijiet.

Fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2019 xehdet Maria Beaney taħt ġurament u bil-lingwa Ingliża. Hija xehdet illi:

-Hi taħdem mar-rikorrenti u l-istess rikorrenti kien sejjer Sqallija sabiex jixtri xi affarjiet għall-kamra tas-sodda tat-tarbija tiegħu. Madankollu, kienet hi li attwalment għamlet l-ordni. Hija ippreżentat dokument immarkat "MB1" u spjegat li s-soċjetà intimata wasslitilha erba' (4) kaxex fl-indirizz tagħha f'tas-Sliema. Il-persuna inkarigata mid-*delivery* ma talbitha tiffirma ebda dokument.

-Wara xi ġranet, hi ntebħet li kellha erba'(4) kaxex li kienu l-*cabinets* u d-dwal iżda s-*sink* ma kienx wasal. Għalhekk, hija nfurmat lir-rikorrent b'dan. Ix-xhud ikkonfermat li mingħajr is-*sink*, xejn ma seta' jiġi installat.

-Meta hi u r-rikorrent ilmentaw mas-soċjetà intimata, intqalilhom li s-*sink* ma kienx parti mill-ordni tagħhom. Wara diversi lmenti, ġie maqbul bejn il-partijiet li s-soċjetà intimata tħallashom kumpens għall-affarjiet li kienu fuq il-paġna ta' wara tal-*invoice*. Ġara, iżda, li dan il-kumpens ma wasal qatt u x-xhud kellha tinkariga mastrudaxxa mħallas minnha sabiex jara kif seta' jġib l-affarjiet flimkien sabiex ikunu jistgħu jiġu installati. Beaney xehdet ukoll li minħabba dan, l-installazzjoni kollha hija estetikament kerha.

-Beaney qalet li hija xtrat żewġ *units*, irċeviet erba' (4) kaxex u ma ntalbet tiffirma xejn mill-impjegati tas-soċjetà intimata. Hija irreferiet għad-dokument "1Ċ" u qalet li l-firma fuq dak id-dokument ma kinitx tagħha. L-impjegat tas-soċjetà intimata poġġielha l-affarjiet fil-garaxx u qalilha li kellha kollox. Meta hi qaltlu li ma kellhiex kollox, huwa wieġeb li "*everything*" kien ser ikun imwassal fl-indirizz tar-rikorrent fil-Fgura.

In kontro-eżami, Beaney xehdet hekk:

-Is-soċjetà intimata qatt ma offriet li tirritorna kollox lill-fornitur Taljan jew li tagħti xi *refund*. Kien ir-rikorrent li dejjem tkellem mas-soċjetà intimata, għalkemm fil-preżenza tagħha, u s-soċjetà intimata saħqet li s-*sink* ma kienx inkluż u huma kienu wasslulhom kollox.

- L-*invoice* kellha l-parti ta' quddiem u l-parti ta' wara. Kienu dawk l-affarjiet li kienu mniżżla fuq in-naħa ta' wara tal-*invoice* li hi u r-rikorrent ma rċevewx.

Fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2019 xehed ukoll Anthony Schembri. Dan xehed hekk :

- Ir-rikorrent mar għandu sabiex jiġi organizzat vjaġġ minn *Mondo Convenienza* b'*deliveries* f'żewġ indirizzi differenti. Dawn id-*deliveries* fil-fatt saru f'żewġ indirizzi differenti. Erba' (4) kaxex intbagħtu fl-indirizz f'tas-Sliema u ntbagħtet konsenja oħra lir-rikorrent fil-Fgura.

- Wara ġimgħa jew tnejn, ir-rikorrent informa lil Schembri li kien hemm xi affarjiet neqsin. Schembri ivverifika mal-*Mondo Convenienza* u l-indikazzjonijiet kienu li dawn taw lis-soċjetà intimata erba' (4) kaxex skont l-*invoice* relattiva (dokument "LL2"). Skont Schembri, xejn li kien hemm indikat f'din l-*invoice* ma wasal. Ġie ippreċiżat li kienu żewġ sinkijiet u żewġ saqqijiet li ma waslux. Skont Schembri, is-saqqijiet instabu l-Italja wara li kien Schembri stess li kellem lil *Mondo Convenienza*.

- Wara dan, Schembri ftiehem li kien ser jikkompensa lir-rikorrent għax-xogħol li kien hemm nieqes. Huwa qal li ladarba mbagħad ir-rikorrent laħaq xtara saqqijiet differenti, ma qgħadx iġiblu s-saqqijiet li kienu nstabu l-Italja.

- Schembri u r-rikorrent ma waslux fi ftehim u għalkemm Schembri bagħat ċekk, ir-rikorrent ma sarrfux għax ried anki l-ispejjeż tal-mastrudaxxa. Schembri ma kienx jaf eżattament kemm intalab iżda qal li l-ammont kien differenti minn dak pretiż permezz ta' dawn il-proċeduri.

In kontro-eżami, Schembri xehed hekk:

- B'referenza għad-dokument "1Ċ", huwa qal li l-firma kienet ta' min irċieva u mhux ta' min għamel id-*delivery*. Schembri ma kienx preżenti għad-*delivery*.

- Meta l-kaxex jiġu ikkonsenjati, ma jinfetħux mill-klijent u ma jiġux iċċekkjati.

- Schembri kien familjari mal-proċeduri tal-*claims* u *returns* ta' *Mondo Convenienza* għax fil-passat, kellu klijenti li ordnaw affarjiet mingħandhom u hu ġarrilhom l-oġġetti lejn Malta.

-Skont Schembri, il-proċedura ta' *Mondo Convenienza* tirrikjedi li wieħed irid jiftaħ *claim* sa sebat ijiem mill-kuntratt. Ladarba kienu għaddew ħmistax-il ġurnata, wieħed ma setax jiftaħ *claim* faċilment.

-Il-firem tar-rikorrent fuq ċerti dokumenti awtorizzaw lis-soċjetà intimata sabiex tiġbor l-oġġetti mingħand *Mondo Convenienza*.

-Rigward ir-*refund*, Schembri xehed li huwa ried jagħti *refund* lir-rikorrent iżda bil-kundizzjoni li s-soċjetà intimata tkopri wkoll l-ispejjeż tagħha. Billi r-rikorrent kien diġà għamel xi *alterations* fl-oġġetti ikkonsenjati, ma tawx dawn l-affarjiet lura lis-soċjetà intimata sabiex din tkun tista' tgħinhom fil-proċess tal-ilmenti ma' *Mondo Convenienza*.

<u>Kunsiderazzjonijiet</u>

F'dan il-każ, ir-rikorrent qiegħed jgħid li huwa ordna xi għamara *made-to-measure* mingħand id-ditta Taljana *Mondo Convenienza* u tali għamara kellha titwassal Malta mis-soċjetà intimata. Ġara iżda li nstab li xi oġġetti kienu neqsin. Ir-rikorrent jgħid li l-oġġetti neqsin kienu elenkati fuq in-naħa ta' wara tal-*invoice* relattiva u dan kien ifisser li s-soċjetà intimata, meta ġabret l-oġġetti mingħand *Mondo Convenienza*, naqset li tara sewwa l-*invoice* sabiex taċċerta ruħha li ġabret kollox.

Is-soċjetà intimata tirrispondi għall-pretensjonijiet tar-rikorrent billi tgħid li hi ġabret dak kollu li ngħatalha minn *Mondo Convenienza* u jekk ir-rikorrent kellu xi lment, dan kellu jiġi indirizzat lil *Mondo Convenienza* u mhux lilha.

It-Tribunal jibda billi jirreferi għad-dokument "1Ċ". Huwa osservat li l-kwalità ta' dan id-dokument hija tant ħażina li l-unika ħaġa li tista' tiġi aċċertata hija li xi ħadd mhux magħruf kiteb li erba' (4) kaxex ġew ikkonsenjati lil Lydon Laudi f'tas-Sliema. Fuq in-naħa tal-lemin fuq in-naħa ta' isfel tad-dokument, hemm firma iżda m'hemm ebda indikazzjoni jekk il-firma saritx minn min irċieva l-oġġetti jew minn min għamel id-*delivery*. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent u x-xhud Maria Beaney enfasizzaw li huma ma ffirmaw ebda dokument. Min-naħa tiegħu, ix-xhud Anthony Schembri xehed li għalkemm ma kienx preżenti għad-*delivery*, il-firma preżenti ma kinitx il-firma tal-persuna li għamlet id-*delivery* iżda tal-persuna li rċeviet l-oġġetti.

It-Tribunal ma jistax jifhem kif Schembri, li ma kienx preżenti, seta' jkun daqshekk ċert li l-firma fuq id-dokument "1Ċ" kienet tar-rikorrent jew ta' Maria Beaney u mhux ta' min għamel id-*delivery*. Inoltre, is-soċjetà intimata ma ressqitx lil min għamel id-*delivery* bħala xhud. Dan kien ikun ix-xhud ideali sabiex jispjega l-proċeduri adoperati kif ukoll sabiex jgħid jekk il-firma kinitx tiegħu jew ta' min irċieva l-oġġetti.

Huwa assolutament ċert li f'każ bħal dan, ix-xhieda li l-aktar li setgħu jixħtu dawl fuq dak li ġara huma l-persuni fi ħdan is-soċjetà intimata li attwalment ġabru x-xogħol mingħand *Mondo Convenienza* kif ukoll dawk in-nies ta' *Mondo Convenienza* li attwalment taw l-oġġetti relattivi lill-ħaddiema tas-soċjetà intimata. Għal xi raġuni, ħadd minn dawn ma ttella' sabiex jagħti x-xhieda tiegħu.

Fix-xhieda tiegħu, ir-rikorrent spjega li l-ammont mitlub fl-Avviż tat-Talba kien l-erba' mija u erbgħin Ewro (€440.00), mitejn u sitta u erbgħin Ewro (€246.00) għal żewġ saqqijiet u ħames mitt Ewro (€500.00) spejjeż ta' mastrudaxxa. Jirriżulta li għalkemm l-ammont ta' erba' mija u erbgħin Ewro (€440.00) huwa debitament ippruvat, ma teżisti ebda prova dokumentarja li l-ammonti l-oħrajn fil-fatt tħallsu mir-rikorrent. Lanqas ma ġara, per eżempju, li l-mastrudaxxa ttella' sabiex jagħti x-xhieda tiegħu sabiex it-Tribunal ikollu l-aħjar informazzjoni possibbli.

Il-provi ippreżentati mill-partijiet huma kompletament insuffiċjenti fis-sens li ma jixħtu ebda dawl fuq jekk kinitx *Mondo Convenienza* li naqset li tikkonsenja l-oġġetti jew jekk kinitx is-soċjetà intimata li għamlet xi żball hi u tiġbor l-oġġetti. M'hemm ebda indikazzjoni, per eżempju, li n-nies ta' *Mondo Convenienza* ġiegħlu lill-ħaddiema tas-soċjetà intimata jiffirmaw għax-xogħol miġbur.

In linea ta' eżami tal-provi, it-Tribunal josserva wkoll li għalkemm ir-rikorrent xehed li huwa ikkuntattja lil *Mondo Convenienza* li allegatament infurmawh li huma kienu taw ix-xogħol kollu lis-soċjetà intimata, m'hemm ebda prova ta' dan.

Rigward il-kwistjoni dwar jekk is-soċjetà intimata hijiex leġittimu kontradittur, huwa osservat li fil-kawża "*Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*", deċiża fid-9 ta' April 2008, il-Qorti tal-Appell qalet:

> *"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika."*

Fil-kawża "*Dr Michael Psaila noe vs Joseph Pace*", deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008, il-Prim' Awla qalet:

> *"Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."*

L-eċċezzjoni tas-soċjetà intimata in kwantu li din tisħaq li m'hix leġittimu kontradittur ma treġix *stante* li kif spjegat fil-ġurisprudenza kkwotata, ċertament li hemm rapport ġuridiku bejn il-partijiet, liema rapport huwa ibbażat fuq kuntratt. Fil-verità, dak li t-Tribunal kellu jiddeċiedi f'din il-kawża huwa mhux jekk fil-fatt sarx dannu lir-rikorrent, iżda jekk dan id-dannu seħħx bi ħtija tas-soċjetà intimata jew ta' *Mondo Convenienza*. It-Tribunal sab nuqqasijiet serji rigward il-provi mressqa fis-sens li ż-żewġ partijiet naqsu li jressqu l-aħjar provi possibbli tant li t-Tribunal għandu quddiemu żewġ verżjonijiet konfliġġenti li jallegaw affarjiet diametrikament opposti għal xulxin iżda b'ebda prova ta' saħħa konvinċenti.

It-Tribunal jinnota wkoll li jekk is-soċjetà intimata saħqet tant li hi ma kinitx il-leġittimu kontradittur, messha għall-anqas talbet li *Mondo Convenienza* tkun kjamata fil-kawża sabiex twieġeb għall-pretensjonijiet tar-rikorrent.

Hawn, it-Tribunal isaħħaħ il-fehma tiegħu li m'hemmx biżżejjed provi sabiex huwa jikkonvinċi ruħu li t-tort huwa neċessarjament tas-soċjetà intimata. Hemm biss allegazzjonijiet, u mhux provi ċari, li *Mondo Convenienza* infurmat lir-rikorrent li hija bagħtet ix-xogħol kollu.

Min-naħa l-oħra, is-soċjetà intimata lanqas ma ppreżentat il-provi kollha li setgħet tipproduċi u dan *stante* li naqset li ttella' dawk il-ħaddiema li attwalment għamlu d-*delivery* fil-Fgura u f'tas-Sliema u li ħadu l-konsenja tal-oġġetti mingħand *Mondo Convenienza*.

It-Tribunal ma jistax ma jinnutax li kien nuqqas serju min-naħa taż-żewġ partijiet li meta l-oġġetti ġew *delivered* fl-indirizzi fil-Fgura u f'tas-Sliema, ma sarux verifiki dettaljati sabiex ikun aċċertat li l-affarjiet kollha kienu preżenti.

It-Tribunal josserva li mix-xhieda, joħroġ ċar li s-soċjetà intimata offriet lir-rikorrent l-ammont ta' erba' mija u erbgħin Ewro (€440.00) in linea ta' kumpens għall-oġġetti elenkati f'dokument "LL2" iżda rrifjutat li żżid ma' dan l-ammont meta r-rikorrent talab anki l-ispejjeż tas-servizzi ta' mastrudaxxa u l-ispejjeż ta' saqqijiet oħrajn li kellu jixtri. It-Tribunal qiegħed għalhekk jinterpreta din l-azzjoni bħala ammissjoni parzjali da parti tas-soċjetà intimata u huwa tal-fehma li tali somma għandha titħallas lir-rikorrent.

Deċide

Għaldaqstant, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li sema' x-xhieda kollha, wara li ħa konjizzjoni tal-provi kollha u taċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li sema' t-trattazzjonijiet tal-partijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrent limitatament għas-somma ta' erba' mija u erbgħin Ewro (€440.00) filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà intimata.
Fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal jordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.

Richard Sladden Av.
ARBITRU